MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 25/2010/1

**Josephine Saliba**

**v.**

**Saveria Camilleri**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell maghmul mill-attrici appellanti Josephine Saliba minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, fit-30 ta' Settembru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet il-kawza billi filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, laqghet it-talba attrici u llikwidat l-ammont ta' tlett elef Ewro (€3,000) li l-konvenuta ghandha thallas lill-attrici rapprezentanti servigi rezi, u ordnat lill-istess konvenuta sabiex thallas l-ammont ta' tlett elef Ewro (€3,000) lill-attrici, bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv u bl-ispejjez jithallsu kwantu ghal tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-konvenuta u kwart ($^{1}/_{4}$) mill-attrici.

**Ir-rikors promotur**

2. Fir-rikors guramentat taghha tas-16 ta' Marzu 2010, l-attrici ppremettiet:

> "1. Illi l-attrici hija ghall-diversi snin tippresta servigi, kuri u assistenzi lill-konvenuta Saveria Camilleri u dan fuq inkarigu ta' l-istess konvenuta;
>
> "2. Illi l-attrici dan ghamlitu ghaliex l-istess konvenuta wieghditha li tikkumpensha;
>
> "3. Illi fl-ahhar gimghat il-konvenuta tterminat dan l-inkarigu ta' l-attrici imma pero' la kkumpensatha u tanto meno hallsita ta' dak kollu li ghamlet maghha matul l-ahhar snin;

"4. Illi l-attrici interpellat lill-konvenuta izda inutilment."

3. Ghaldaqstant, l-attrici talbet lil din il-Qorti joghgobha:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attrici pprestat servigi lill-imsemmija Saveria Camilleri u li ghalhekk hija intitolata ghall-kumpens;

"2. Tillikwida, okkorrendo bl-operat ta' perit nominandi, l-ammont dovut lill-attrici in linea ta' kumpens ghas-servigi minnha rezi, kif fuq inghad; u

"3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici l-ammont hekk likwidat;

"Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Frar 2010 kontra l-konvenuta ingunta minn issa ghas-subizzjoni."

**<u>Ir-risposta guramentata tal-konvenuta</u>**

4. Permezz tar-risposta guramentata taghha tat-8 ta' April 2010, il-konvenuta Saveria Camilleri eccepiet:

"1. Illi tas-servizzi li l-attrici pprestat lill-eccipjenti hija giet imhallsa adegwatament mill-eccipjenti, u l-esponenti nterament minghajr pregudizzju sa kienet offriet lill-attrici somma ulterjuri ta' elf Euro (€1,000) bhala offerta *pro bono pacis,* liema offerta pero' ma gietx accettata mill-attrici li qed tippretendi eluf kbar ta' Euro (b'kollox €23,000) minghandha fi hlas, liema pretensjoni mhi xejn hlief wahda kappriccjusa u nfondata, u certament mhix misthoqqa, anzi' l-eccipjenti tissottometti li tali talba li ghamlet l-attrici ma tammonta ghal xejn aktar hlief ghal estorsjoni tal-flus b'mod pulit, u l-ghaliex l-eccipjenti m'accettatx li thallas dawn il-flus li talbitha l-attrici, spiccat fuq l-ghatba tal-Qorti;

> "2. Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

5. Rat l-atti kollha tal-kawza.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti</u>**

6. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti ghas-sentenza taghha kienu s-segwenti:

> "Illi l-konvenuta mhiex qeghda tichad li gew rezi xi servizzi mill-attrici pero' mhux bil-konsistenza kif deskritti mill-attrici; kif ukoll sostniet li ghal xi servizzi lill-attrici hallsitha taghhom.
>
> "Illi ghalhekk l-ewwel ma jrid jigi kkunsidrat huwa x'tip ta' kuri u assistenzi u servizzi gew effettivament rezi mill-attrici lill-konvenuta.
>
> "Illi l-attrici xehdet li kienet il-konvenuta li baghtet ghaliha f'Lulju 2005 biex tibda tghinha u kienet qaltilha li se tikkumpensaha. Hija spjegat li ghall-bidu kienet tixtri l-halib u xi ikel ghall-konvenuta. Aktar ma beda jghaddi z-zmien il-konvenuta aktar bdiet tinvolviha u bdiet tiddependi fuqha. Sahansitra l-konvenuta qalbet is-servizz tat-telecare fuq in-numru tat-telephone taghha. Meta gie installat l-alarm fid-dar ta' Saveria Camilleri kienet hadet hsieb kollox l-attrici u saret b'tali mod li jekk kienet iddoqq tkun infurmatha hija. Kienet tixtrilha l-medicina kollha. Kienet iccempel lit-tabib u tikkoordina l-visti. Sostniet li kienet twassal lill-konvenuta l-Bank tax-Xaghra u kellha wkoll prokura. Ziedet li kienet tnaddaf u tahsel lill-istess konvenuta u li tqandilha u terfaghha. Kif ukoll li kienet tghazqilha l-mandra. Kull xahar ta' Novembru kienet tibghatha tahsel il-qabar ta' zewgha u tpoggi l-fjuri fuqu u dan kull jum tax-xahar ta' Novembru. Bhala granet spjegat li kienet tmur kuljum inkluz Hdud u festi mit-8.00a.m. sa' xid-9.30p.m. u mit-3.00p.m. sal-5.00p.m. izda l-Hadd kienet tibqa' aktar. Gieli cemplitilha f'nofs ta' lejl. Il-konvenuta kienet tqabbadha ccempel lill-avukat taghha u darba marru ghand in-Nutar u biex tpattilha ta' dak kollu li kienet qed taghmel maghha u li riedet tibqa' taghmel matul hajjitha kollha kitbitilha xi proprjetajiet. In kontro-ezami l-attrici xehdet ukoll li lill-

konvenuta kienet tghinha f’xi tisjir u kienet tghinha tilbes meta jmorru x-Xaghra jew Ta’ Pinu.

“Illi l-konvenuta min-naha taghha xehdet li hija mara ta’ erbgha u tmenin (84) sena u li tghix wahedha. Spjegat li hija tqum mis-sodda, issajjar, tahsel il-platti u l-borom, tiknes u tifrex is-sodda. Ghadha kapaci tilbes u tinza’ wahedha, li hija kapaci timxi fid-dar u tohrog sa quddiem il-bieb.

“Illi hija qalet li Guza bdiet tidhol fid-dar ghal madwar erba’ snin u xahrejn u li hija qatt ma baghtet ghaliha jew talbitha biex iddur biha. Infatti hija ghandha *helper* tal-Gvern li taghmel sitt (6) sieghat fil-gimgha u taghtiha wkoll ghajnuna ohra barra dawk il-hinijiet. Il-konvenuta qalet li l-attrici bdiet tmur f’Ottubru 2005 tindiehes maghha u bdiet tmur taghmlilha siegha kumpanija bejn it-3.00 p.m. u l-4.00p.m. Xehdet li l-attrici kienet tippetnalha xagharha kull nhar ta’ Hadd filghodu u l-Erbgha. Il-bqija f’idejn il-helper. Kompliet li ‘*ma kinitx tigi kuljum, ghalkemm lahqet kien hemm drabi fejn giet kuljum jew kwazi kuljum*’. L-attrici qatt ma marret filghodu u filghaxija u qatt ma damet aktar minn siegha. Nhar ta’ Sibt kienet tnewwlilha l-halib. Il-Hadd kienet tmur siegha wara nofsinhar biex l-attrici tghaddi l-hin. In kontro-ezami qalet ukoll li l-attrici kienet tmur ghandha kuljum biex joqghodu jpacpcu.

“Il-konvenuta sostniet li l-attrici kienet tehodha l-Bank darba kull xahrejn bil-karozza taghha u kienet taghtiha kull darba tnejn u ghoxrin (€22) euro. Meta kienet twassalha kienet tghaddi wkoll l-ispizerija biex tixtrilha l-medicina. Ghalhekk tatha bejn mija tnejn u tletin euro (€132) sa mija erbgha u hamsin euro (€154) u darbtejn ohra hames euro (€5) billi haditha tixtri fridge u washing machine.

“Kienet biss f’okkazjoni ta’ darba li l-attrici raqdet maghha u ta’ dan tatha ghoxrin euro (€20). Darb’ohra cemplitilha bil-lejl izda ma raqditx maghha. Rigward dak li qalet l-attrici, il-konvenuta spjegat li kien biss darba f’sena li kienet tqabbad lill-attrici biex taqtalgha l-pal tal-bajtar mill-passagg tal-gnien (li tiehu hsiebu l-*helper*) u kienet tatha €5 kull darba. La hija u lanqas zewgha m’ghazqulha l-mandra. Inoltre’ d-darbtejn li l-attrici haditha ghal appuntamenti hija tatha €5 kull darba. Mhux minnu li l-attrici qandlitha u refghetha hlief fit-tlett darbiet li waqghet u la qatt ghamlet tahtha u nadfitilha l-hmieg. Meta hassha hazin Guza naddfitilha. Meta kienet ma tiflahx l-attrici ghamlitilha brodu. Wara nofsinhar l-attrici kienet tmur biex tghinha tqum mis-sodda minn rajha u mhux ghax hija kellha bzonn. Il-bqija kienu biss drabu rari li l-attrici sajritilha.

“Il-konvenuta sahqet li l-attrici qatt m’ghamlitilha facendi ghaliex it-tindif u hasil tal-hwejjeg kienu f’idejn Emanuela Sultana. Din l-istess Sultana taghmlilha wkoll il-qadi kollu ta’ barra d-dar bhal xiri ta’ laham u l-bzonnijiet minghand tal-grocer, hlasijiet ta’ kontijiet tad-dawl, tal-ilma, telephone u cable.

“Rigward it-testment il-konvenuta sostniet li Guza geghlitha taghmel testament u haditha ghand Nutar u qaghdet maghha ghax ma fdathiex. In kontro-ezami qalet li huwa minnu li fit-testment kitbet lill-attrici nofs id-dar u tlett bicciet raba’. Dak iz-zmien Guza kienet ilha xahrejn tghinha pero’ gieli qalet lill-attrici li riedet tibdel it-testment ghax ma kinitx kuntenta biha. Hija qalet ukoll li Guza waqqfet tmur ghandha ghaliex talbitha biex thallilha bicca raba’ ohra u hija qaltilha ‘*le hej, dak ma semmejnihx habib’*.

“Il-konvenuta stqarret li hija kienet lesta li taghti lill-attrici s-somma ta’ elf euro (€1,000).

“Illi tressqu diversi xhieda u mir-rizultanzi processwali din il-qorti hi moralment konvinta li Josephine Saliba irrendiet assistenza u servigi lill-konvenuta. Ghalkemm m’hemmx qbil dwar x’wassal lill-attrici biex tibda tmur tghin lill-konvenuta rrizulta li qabel l-istess attrici, il-konvenuta kellha lil certu Maddalena Cini tghinha li rrizulta li thallset mill-konvenuta ghas-servizzi li rrenditilha. Huwa aktar kredibbli li kienet il-konvenuta li talbet lill-attrici sabiex tghinha wara li Maddalena Cini ma baqghetx tmur u dan peress li mid-diversi xhieda mressqa, fosthom it-tabib kuranti tal-konvenuta Dr. Teddie George Farrugia li xehed li hija *housebound*; kif ukoll Dun Anton Dimech u l-Arcipriet li jmorru jqarbnuha li xehdu li l-konvenuta hija mara ta’ hamsa u tmenin (85) sena li ghandha bzonn l-ghajnuna. Sinifikanti hija x-xhieda tar-Rev Emanuel Saliba li xehed li ilu jaf lill-konvenuta hamsa u tletin (35) sena u li minhabba l-eta’ avvanzata taghha ‘*ghandha bzonn l-assistenza kwazi kontinwa ta’ terzi persuni*’. In kontro-ezami xehed ukoll li l-konvenuta gieli qaltlu li riedet kumpannija biex ighinuha tinhasel, jippetnalha xaghrha u ghal xi qadi.

“Illi pero’ anki li kieku din ma kinitx idea li originat mill-konvenuta jibqa’ l-fatt li hija ma waqqfitx lill-attrici milli tibqa’ tmur u zgur li kien hemm zmien fejn kellha pjacir biha tant li ghamlet prokura favur l-attrici sabiex tkun tista’ tmur issarfilha c-cekk tal-pensjoni kull darba li hi ma setghetx tohrog. L-attrici damet fuq erba’ snin tmur ghand il-konvenuta. L-istess konvenuta stqarret ma’ l-arcipriet li Josephine Saliba kienet qed tiehu hsiebha, anki lil Emanuela Sultana qaltilha li l-attrici kienet taghtiha daqqa t’id. Ebda xhud prodott ma qal li Saveria Camilleri gergret fuq l-attrici jew li riedet twaqqafha.

"Illi dwar is-servizzi rezi rrizulta li ghalkemm huwa minnu li l-konvenuta hija mara avvanzat fl-eta' pero' la hi *bed-ridden* u lanqas qatt kienet totalment tiddependi fuq Josephine Saliba. Infatti l-konvenuta ghandha lil Emanuela Sultana li hija *helper* imhallsa mill-Gvern li tmur ghand il-konvenuta ghal sitt sieghat fil-gimgha. Il-facendi jsiru kollha minn Saliba u sahansitra taqdi lill-konvenuta ghal xiri ta' ikel, laham u hlas ta' kontijiet anki jekk dan imur oltre' d-doveri taghha u ta' dan Saveria Camilleri ma thallashiex. Emanuela Sultana xehdet li l-konvenuta kapaci ssajjar wahedha u dan gie wkoll ikkonfermat minn Dun Anton Dimech. Il-konvenuta tahsel il-platti u l-borom. Kienu verament drabi rari, fosthom meta l-konvenuta kienet xi ftit ma tiflahx li l-attrici sajjritilha. M'hemmx dubju wkoll li l-attrici gieli ghamlet xi ftit facendi pero' mhux kif trid taghti impressjoni hija li din kienet ir-regola.

"Illi rrizulta wkoll li l-konvenuta hija *housebound* izda mad-dar timxi u jekk akkumpanjata minn xi hadd tohrog ukoll. Fil-fatt irrizulta li l-attrici kienet twassal lill-konvenuta l-bank tax-Xaghra biex issarraf ic-cekk tal-pensjoni u li darbtejn haditha ghal appuntamenti medici u darbtejn ohra haditha tixtri fridge u washing machine. Il-konvenuta tghid li hallset lill-attrici ta' kull darba izda l-attrici tichad li qatt irceviet hlas minghand Saveria Camilleri. In effetti ebda prova ta' dawn il-hlasijiet ma ngabet mill-konvenuta in atti, anzi semmai x-xhieda sostnew li ma thallsux. Din il-qorti mhiex konvinta li l-konvenuta kienet thallas lill-attrici kemm ghax anki lil Emanuela Sultana tal-qadi zejjed ma taghtiha xejn u kemm ghax ladarba l-konvenuta kitbet nofs id-dar u tlett raba' fuq l-attrici fit-testment taghha xahrejn biss wara li din bdiet tghinha ghall-konvenuta, li tidher li hija mara li tibza' hafna ghal flusha, dan kien jikkostitwixxi hlas ghall-attrici.

"Din il-qorti pero' lanqas mhi konvinta li l-estent tas-servizzi rezi kienu dawk kif elenkati mill-attrici. B'referenza ghal facendi dawn l-attrici ma kinitx taghmilhom b'mod regolari u frekwenti. Il-konvenuta kapaci taghmel certu affarijiet u inoltre' rrizulta li l-facendi jsiru minn Emanuela Sultana. Ghalkemm jirrizulta li kien hemm xi drabi meta l-attrici kellha tahsel lill-konvenuta pero' dawn ukoll kienu drabi rari hafna meta l-konvenuta hassitha ma tiflahx. Kemm Emanuela Sultana kif ukoll it-tabib kuranti tal-konvenuta ddikjaraw li l-istess ma tbatix minn inkontinenza.

"Illi l-attrici kienet tixtri l-halib ghall-konvenuta darbtejn fil-gimgha. Huwa minnu wkoll li f'Novembru l-konvenuta kienet tqabbadha tahsel il-qabar ta' zewgha u taghmillu l-fjuri. L-attrici gieli anki hadet hsieb taghmel l-appuntamenti mat-tabib li min-naha tieghu xehed li kien hemm drabi fejn sab lil Josephine Saliba ma' Saveria.

"Irrizulta wkoll li s-servizz tat-telecare kellhom in-numru ta' l-attrici u li kienu biss tlett okkazzjonijiet li l-attrici kellha tmur tghin lill-konvenuta peress li kienet waqghet. Ghalhekk it-tqandil u l-irfiegh ma kienx xi haga ta' kuljum – tant hu hekk li zewgt l-attrici stqarr li martu ma kinitx ghajjiet bl-ghajununa li kienet taghti lil Saveria Camilleri. L-attrici riedet ukoll taghti l-impressjoni li hi kienet torqod ta' sikwit mal-konvenuta izda rrizulta lid an gara zgur darba, forsi darbtejn.

"Il-qorti tqis li Josephine Saliba ghenet u tat assistenza u kura lill-konvenuta kif fuq spjegat, pero' jirrizulta li aktar minn kollox hija kienet taghmlilha kumpannija. Il-konvenuta stess tammetti li l-attrici gieli marret kuljum jew kwazi kuljum. Hafna mix-xhieda prodotti li huma indipendenti mill-partijiet xehdu li kienu jaraw lill-attrici tmur ghand il-konvenuta. M'hemmx dubju li apparti li Josephine Saliba ghenet lill-konvenut hija certament kienet ta' wens ghaliha. M'hemmx dubju wkoll li Saveria Camilleri kienet tafda lill-attrici u sabitha wkoll meta kellha bzonnha.

"Illi dwar is-servizi ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Guzeppi Borg et vs Emanuel Azzopardi** li:

> ""Huwa stabilit li l-bazi ta' l-azzjoni ghal servizzi moghtija triegi fuq zewg sisien : jigifieri, fuq il-kwazi kuntratt u fuq il-prezunzjoni li min jaghti servizz lil haddiehor jaghmel hekk bil-fehma li jithallas ta' dak li jaghmel. Minbarra dan, ilu zmien twil accettat li l-hlas ta' servigi jista' jkun dovut mhux biss *jure actionis*, jigifieri meta huwa mitfiehem, imma wkoll *officio judicis*, jigifieri meta mic-cirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jithallas tieghu jew kien imwieghed hlas ghalih. Biex wiehed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li tithallas, ghandu jitqies il-waqt meta nghataw tali servizzi, ghaliex ic-cirkostanzi li jsehhu wara ma jservux biex joholqu b'lura dritt ta' fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joholqu."

"Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Sarah Caruana vs Francis Mallia** il-Qorti rreferiet ghal diversi sentenzi li minnhom jinstilet li hadd m'hu prezunt li ppresta servigi lil haddiehor anke jekk dan ikun familjari u dan minghajr hsieb li jithallas taghhom u fuq dan il-gurisprudenza hija kostanti u unanima. Anke f'**Mary Grace Attard et vs Rosario Attard** intqal:

> ""Illi rigward il-kwistjoni ta' servigi rezi l-posizzjoni skond il-gurisprudenza recenti hija li anke rigward dawk prestati minn parenti, il-prezunzjoni hi li 'kwalunkwe servigi ghandhom jigu ritenuti pprestati bi speranza ta'

kumpens'. Biex taqa' din il-prezunzjoni jridu jikkonkorru cirkostanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita'. L-intenzjoni tal-gratuwita' u rinunzja ghall-kumpens tas-servigi ma ghandhomx jigu akkolti facilment."

"Illi dwar likwidazzjoni ta' kumpens, referenza issir ghas-sentenza **Tessie Micallef et vs Lawrence Galea** fejn il-qorti spjegat li hemm diversi kriterji li l-Qrati taghna hadu in kunsiderazzjoni meta gew biex jistabilixxu likwidazzjoni ta' kumpens dovut, senjatament:

"(i) il-grad ta' qrubija bejn min jaqdi u l-persuna mghejjuna;

"(ii) il-frekwenza tas-servigi moghtija;

"(iii) in-natura tas-servigi maghmula;

"(iv) il-kedda u t-tbatija involuti biex jinghataw is-servigi li dwarhom jintalab kumpens;

"(v) il-grad ta' hila jew specjalizzazzjoni mehtiega biex jinghataw tali servigi;

"(vi) jekk mal-ghoti tas-servigi l-persuna tkunx ukoll dahlet fi spejjez jew infieq minn butha;

"(vii) il-mezzi tal-persuna li ibbenefikat mill-prestazzjonijiet.

"Intqal ukoll fis-sentenza **Anthony Catania pro et noe et vs Maria Agius**:

""Fil-fatt, minn studju tal-gurisprudenza lokali, wiehed jista' jsib li l-kumpens akkordat ma jkun qatt f'ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunijiet ta' parentela bejn il-partijiet, u anke ghaliex it-talba ghal hlas ta' servigi, kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Delicata vs Saliba", deciza fit-22 ta' Mejju 1989, hi bbazata fuq

kwazi-kuntratt, u mhux fuq kuntratt li nholoq bejn minn jirrendi s-servigi u l-beneficcjarju, u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi, izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra li, ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-servigi resi u l-hlas relattiv. Dan iwassal biex il-kumpens ma jkun qatt l-ekwivalenti tax-xoghol li sar, izda adegwat mehud kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz."

"Illi *tenendo* kont tal-gurisprudenza fuq imsemmija l-qorti tqis li:

"(i) il-konvenuta tigi l-mara taz-ziju matern ta' l-attrici;

"(ii) l-attrici kellha l-intenzjoni li tithallas;

"(iii) irrizulta li l-attrici kienet tmur kuljum ghand il-konvenuta ghal xi hinijiet, pero' mhux il-gurnata kollha. Hlief ghal darba, massimu darbtejn, qatt m'ghamlet iljieli mal-konvenuta. Damet tmur ghand il-konvenuta minn Lulju 2005 sal-bidu ta' Jannar 2010 u ghalhekk circa erba' (4) snin u nofs;

"(iv) ghalkemm l-attrici kienet taqdi lill-konvenuta pero' dan ma kienx ta' xi impenn qawwi – kienet tmur taghmlilha kumpanija, gieli haditilha xi appuntamenti u haditha l-Bank u haditha wkoll tixtri l-appliances f'zewg okkazzjonijiet; hadet hsieb l-istallazzjoni ta' l-alarm, kellha n-numru taghha maghruf mat-telecare, kellha prokura favuriha; kienet tixtrilha darbtejn fil-gimgha l-halib u darbtejn fil-gimgha tippetnalha xagharha;

"(v) il-konvenuta hi fuq saqajha u kapaci tiehu hsieb certu bzonnijiet taghha. Qatt ma kienet mixhuta f'sodda fejn allura kienet tkun tirrikjedi assistenza kontinwa u konsistenti;

"(vi) l-attrici gieli ghamlitilha xi facendi zghar u huwa minnu wkoll li fi tlett okkazzjonijiet il-konvenuta waqghet u l-attrici marret terfaghha;

"(vii) il-qorti tifhem ukoll li l-attrici ghamlet ukoll sagrificcji ghaliex kienet tqatta' anqas hin ma' zewgha u mal-familja taghha biex tmur

ghand il-konvenuta kuljum inkluz il-Hdud. Il-hin huwa prezzjuz u fih innifsu ghandu valur;

"(viii) ghalkemm zgur li kien hemm certu skomdu pero' ma jistax jinghad li kien hemm xi kedda jew tbatija partikolari involuti;

"(ix) ebda grad ta' hila jew specjalizzazzjoni mehtiega biex jinghataw tali servigi;

"(x) l-attrici m'allegatx li dahlet fi spejjez jew li nefqet flus minn butha;

"(xi) dwar il-mezzi tal-persuna li bbenefikat mill-prestazzjonijiet jidher mill-assjem tal-proceduri li l-konvenuta mhiex mara nieqsa. Tant huwa hekk li lill-attrici kienet se thalliha nofs id-dar (li mhiex zghira) u tlett bicciet raba'. Jirrizulta wkoll li zgur ghandha bicca' raba' ohra ghax hija stess semmietha. Ghalkemm jinghad li d-daqs ta' dawn ir-raba' u fejn jinstabu u l-potenzjal taghhom ma ngabitx prova dwarhom.

"Il-konvenuta tghid li lesta thallas lill-attrici €1,000. L-attrici tippretendi €23,000, liema ammont hu wiehed ezagerat fl-opinjoni ta' din il-qorti u infatti dan se jittiehed in kunsiderazzjoni fil-kap ta' l-ispejjez. Filwaqt li gie ammess mill-konvenuta li ftit xhur wara li Josephine Saliba bdiet tmur tghinha kienet ghamlet testament u halliet il-proprjeta' lill-attrici ghal dak li kienet qed taghmel maghha u bil-hsieb li din kienet se tkompli tassistiha matul hajjitha. Izda dan il-laxxitu kien intiz biex l-attrici tibqa' tiehu hsieb lill-konvenuta sa mewtha – fatt li ma sehhx. Il-konvenuta sostniet li giet imgieghla biex taghmel dan it-testment pero' dan mhux daqstant verosimili peress li in kontro-ezami l-konvenuta xehdet li Guza kienet talbitha bicca raba' ohra u qaltilha '*le hej, dak ma semmejnihx habib*' u dan apparti li ma jirrizultax li l-persuna hi xi persuna dghajfa fis-sens li wiehed jaghmel li jrid biha facilment Ghandha mohha ferm lucidu.

"Illi in vista tal-premess u li l-ammont irid jinzamm fil-limiti tal-moderazzjoni din il-qorti tillikwida *arbitrio bono virii* s-somma ta' tlett elef euro (€3,000) li l-konvenuta ghandha thallas lill-attrici.

> “Ghaldaqstant in vista tar-ragunijiet imsemmija, din il-qorti taqta’ u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa’ t-talba attrici u tillikwida l-ammont ta’ tlett elef euro (€3,000) li l-konvenuta ghandha thallas lill-attrici rapprezentanti servigi rezi; u tordna lill-istess konvenuta sabiex thallas l-ammont ta’ tlett elef euro (€3,000) lill-attrici.
>
> “Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.
>
> “L-ispejjez ghandhom jigu sopportati inkwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-konvenuta u kwart (1/4) mill-attrici.”

**<u>Rikors tal-appell tal-attriċi</u>**

7. L-attrici appellanti hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq imsemmija u b’rikors tas-17 ta’ Ottubru 2011 intavolat l-appell tal-lum minnha. Permezz tal-appell taghha, għar-ragunijiet moghtija fir-rikors tal-appell taghha u ohrajn li jistgħu jingħataw waqt is-smiegh tal-appell, l-attrici appellanti talbet lil din il-Qorti tilqa’ l-aggravji kollha taghha u tvarja d-decizjoni appellata billi tvarja l-ammont kif likwidat fl-istess decizjoni ghal ammont oghla u aktar gust u idoneju fic-cirkostanzi u tiddikjara li l-ispejjez tal-proceduri fil-prim’ istanza ghandhom jigu kollha sopportati mill-intimata filwaqt li tikkonferma l-bqija tad-decizjoni, bl-ispejjez ukoll tal-istanza tal-appell kontra l-appellata.

8. Iz-zewg aggravji li ressqet l-attrici appellanta Josephine Saliba huma s-segwenti.

*L-ewwel aggravju – l-ammont likwidat*

9. Skont ir-rikorrenti appellanti, l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti ta’ tlett elef Euro (€3,000) mhux adegwat ghas-servigi, kura u assistenza rezi minnha tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz.

*It-tieni aggravju – spejjez tal-kawza:*

10. Ir-rikorrenti appellanti sostniet ukoll illi l-ewwel Qorti ma kinitx korretta u gusta meta ordnat lill-appellanti thallas kwart mill-ispejjez tal-kawza u dan in vista tac-cirkostanzi tal-kaz.

**Risposta tal-appell tal-intimata appellata**

11. Permezz tar-risposta tal-appell taghha tat-28 ta’ Novembru 2011 ir-rikorrenti appellata wiegbet ghall-appell billi talbet lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez ta’ din l-istanza jigu akkollati kollha lir-rikorrenti appellanti.

12. Fil-qosor, ir-rikorrenti appellata, filwaqt li rrilevat li din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi tal-ewwel Qorti, principalment issottomettiet illi l-appell intavolat mir-rikorrenti appellanti kwazi

jirrazenta l-fieragh u dan ghaliex is-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u l-ewwel Qorti pprocediet bi prudenza kbira fl-apprezzament taghha tal-provi u waslet għall-konkluzjoni li ma kienux gew prestati servigi lill-konvenuta appellata mill-attrici li kienu jaghtu xi dritt ghall-hlas ta' kumpens aktar minn dak li ffissatilha *arbitrio bono viri* l-istess Qorti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

13. Illi l-fatti li taw lok ghall-kawza huma spjegati fid-dettall fl-atti fuq riprodotti u ma hemmx lok li wiehed joqghod jirrepetihom fit-tul. L-attrici appellanti qed titlob hlas ghal servigi illi hi ghamlet mal-konvenuta appellata (li tigi l-mara taz-ziju matern tal-attrici jew iz-zija tar-rispett tal-attrici). Mill-atti tal-process jidher illi l-konvenuta appellata kienet ghamlet testment li permezz tieghu kienet kitbet lill-attrici appellanta nofs id-dar taghha (li mhijiex zghira), il-qabar li ghandha c-cimiterju z-Zebbug u tliet bicciet raba u dan wara li l-attrici appellanti kienet ilha biss xahrejn tghinha. Peress illi l-konvenuta ddecidiet li tittermina l-inkarigu tal-attrici, u allegatament ghamlet dan minghajr ma kkumpensatha u minghajr ma hallsitha ta' dak kollu li ghamlet maghha matul *circa* erba' snin u nofs (minn Lulju 2005 sal-bidu ta' Jannar 2010), l-attrici appellanti b'ittra tal-10 ta' Jannar 2010 interpellat lill-intimata appellata u talbitha thallas kumpens ta' tlieta u ghoxrin elf Euro (€23,000) ghas-servigi li gew rezi minnha sakemm eventwalment l-attrici appellanti ntavolat il-proceduri odjerni. L-ewwel Qorti kienet tal-fehma li r-rikorrenti appellanti haqqha

kumpens ta' *circa* tnax-il Euro u tnejn u tmenin euro centezmi (€12.82) fil-gimgha u għalhekk illikwidat il-kumpens totali fis-somma ta' tlett elef Euro (€3,000). Ir-rikorrenti appellanti, min-naha taghha, issostni li l-ammont likwidat ghandu jigi awmentat sostanzjalment u tilmenta wkoll mill-mod kif gie deciz il-kap tal-ispejjez.

*<u>L-ewwel aggravju</u> dwar l-ammont ta' kumpens likwidat*

14. L-appellanti ggib 'il quddiem ir-raġunijiet li gejjin, fost oħrajn, sabiex issostni li l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti ma hux wiehed gust fic-cirkostanzi:

- In-numru konsiderevoli ta' sieghat li kienet tqatta' mal-appellata (madwar hamsa u ghoxrin siegha u nofs fil-gimgha);
- In-natura ta' certu facendi li kienet taghmel (per ezempju l- appellanti kienet tiehu hsieb l-indafa personali tal-appellata anki meta din kienet tkun inkontinenti u kienet ukoll tnaddafha);
- Il-fatt li l-appellanti kellha affarijiet ohra x'taghmel fil-hin meta kienet tiehu hsieb lill-appellata;
- L-ispejjez li kienet tonfoq ghall-petrol li kienet tuza meta kienet twassal lill-appellata bil-karozza taghha stess il-Bank f'rahal iehor, cioe` x-Xaghra, u meta kienet tmur tixtrilha l-medicini. Skont l-appellanti, l-appellata qatt ma hallsitha tal-valur tal-petrol li kien jintuza;

- Il-hxejjex li hi u zewgha kienu spiss jaghtu lill-appellata mill-ghelieqi taghhom u dan minghajr ebda kumpens;

- Is-servizzi li taw familjari tal-appellanti, fosthom bintha u r-ragel taghha, minghajr ebda pretensjoni ta’ kumpens izda unikament ghaliex kienu jafu li l-appellanti kienet qed taghmel dan ix-xoghol fuq wieghda ta’ hlas da parti tal-appellata;

- Peress illi l-appellata ghandha bzonn l-assistenza kwazi kontinwa ta’ terzi persuni l-fatt li l-appellata kellha ‘*helper*’ tal-Gvern sitt sieghat fil-gimgha ma kienx bizzejjed;

- Il-fatt illi l-appellanti kienet kuljum tiehu l-halib lill-appellata u ikel iehor u wkoll f’bosta mill-granet kienet toqghod mal-appellata sabiex tippetnalha xaghra twil;

- Il-fatt illi l-appellanti kienet involuta fil-kura tal-appellata illi sahansitra kellha s-servizz tat-‘*telecare*’ maqlub fuq it-telefown tad-dar taghha u kien hemm mill-inqas tliet okkazzjonijiet fejn l-appellanti kellha tmur bil-lejl ghand l-appellata ghaliex ikun gralha xi haga u anki kien hemm okkazzjonijiet fejn raqdet maghha.

15. Barra minn hekk, l-appellanti targumenta illi l-fatt li ma hemm l-ebda rabta ta’ qrubija bejn min jaghti u min jircievi s-servizzi u dan generalment jista’ jfisser li tali servizzi saru bit-tama tal-hlas jew kumpens xieraq. Fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, ghalkemm huwa minnu li l- appellanti tigi b’xi mod mill-appellata, irrizulta li hija qariba ferm il-boghod, cioe` mart iz-ziju matern tal-appellanti u konsegwentement, skont l-appellanti, ma jistax jinghad li kien hemm xi obbligazzjoni da parti tal-appellanti li tiehu hsieb il-mara taz-ziju

taghha. Bil-kuntrarju, hi targumenta li mill-provi hareg car li kienet l-appellata li baghtet ghaliha wara li kecciet lil min kien jiehu hsiebha qabel.

16. L-appellanti zzid ukoll illi l-ammont likwidat għas-servigi rezi minnha kien baxx hafna tenut kont tal-fatt illi xahrejn wara li bdiet taghti dawn is-servigi kienet l-istess appellata li ghamlet arrangament ghand in-Nutar sabiex isir testment li fih l-intimata kitbet favur appellanti nofs id-dar tal-intimata (li mhijiex zghira) u tliet bicciet raba'.

17. L-appellanti ssostni li peress li l-ammont ta' sieghat li kienet tqatta' mal-konvenuta appellata jammonta ghal hamsa u ghoxrin siegha fil-gimgha u dan ghamlitu ghal erba' snin u nofs is-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) likwidata mill-ewwel Qorti jfisser li giet kumpensata bir-rata ta' tnax-il Euro u tmenin euro centezmi (€12.80) fil-gimgha ekwivalenti ghal hamsin (50) centezmu ghal kull siegha ta' servigi li l-attrici appellanti kienet taghti lill-konvenuta appellata u dan, l-appellanti, tikkunsidrah irrizorju u tinsisti li l-kumpens kellu jkun mill-inqas bir-rata ta' zewg Euro u tletin euro centezmi (€2.30) fis-siegha li ghal erba' snin u nofs jaghti ammont totali ta' kumpens ta' mill-inqas tlettax-il elf, seba' mija u erbgha u ghoxrin Ewro (€13,724).

18. Min-naha tal-appellata ssostni illi s-servigi allegatament rezi mill-appellanti qed jigu mgebbda b'mod sproporzjonat u whud minnhom ivvintati biex l-appellanti tiggustifika l-pretensjoni taghha ghall-hlas aktar minn dak li ffissatilha l-ewwel Qorti. L-appellata tghid illi l-appellanti esagerat fuq diversi

affarijiet, fosthom it-tul ta’ zmien li fih tat is-servigi, il-frekwenza tas-servigi u l-impenn tal-istess servigi u ssostni li dak li gie dikjarat fir-rikors tal-appell jikkontrasta ferm mhux biss mal-affidavit tal-appellanti stess izda sahansitra wkoll mal-provi li hi stess ressqet.

19. L-appellata ssostni illi mill-provi ma jirrizultax li r-relazzjoni bejn il-partijiet damet ftit aktar minn xi erba’ snin, u cioe` mill-ahhar t’Ottubru 2005 sal-Milied tas-sena 2009.

20. L-appellata accennat ghall-gurisprudenza tal-Qrati Maltin biex turi li dawn jillikwidaw kumpens ftit imdaqqas meta l-beneficcjarju jkun totalment dipendenti fuq persuni ohra, anke ghall-affarijiet l-izjed intimi mentri hi la kienet mixhuta f’sodda u lanqas kienet affettwata minn xi marda li htieget kura u attenzjoni partikolari. Barra minn hekk kellha s-servizzi ta’ *helper* tal-gvern li rrizulta li kienet taghmel ix-xoghol kollu hi.

21. L-appellata rriteniet ukoll illi meta jigu biex jillikwidaw l-ammont ta’ kumpens ghas-servigi, il-Qrati Maltin ghamlu distinzjoni bejn dawk il-kazijiet fejn persuna tghin ghax genwinament thoss ghal dik il-persuna u dawk il-kazijiet fejn persuna taghmel xi haga, kwazi ta’ bilfors, jew biex tehodlu gidu.

*Apprezzament ta’ din il-Qorti*

22. F'materja ta' likwidazzjoni ta' servigi gie ritenut li l-kumpens akkordat qatt ma jkun f'ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunijiet ta' parentela bejn il-partijiet u anke ghaliex it-talba ghal hlas ta' servigi hija bbazata fuq kwazi kuntratt u mhux fuq kuntratt u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra li ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-servigi rezi u l-hlas[1]. Inoltre, fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Maria Lourdes Brincat v. Giuseppe Brincat et** moghtija fid-29 ta' Novembru 2013 din il-Qorti rriteniet li wiehed ma jistax jillikwida l-kumpens a bazi ta' salarji prevalenti fiz-zmien li jigu prestati s-servigi u dan ghaliex ir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet mhijiex wahda kuntrattwali izda kwazi kuntrattwali u f'dak il-kaz il-Qorti peress li mill-provi kien jidher li l-persuna li pprestat is-servigi li kienet tghix mal-genituri taghha l-Qorti bbazat il-kalkolazzjoni tal-kumpens bir-rata ta' 15-il Euro fil-gimgha bhala medja ghal perjodu inkwistjoni (tlettax-il sena bejn 1964 u 1977).

23. Il-Qrati Maltin diversi drabi rritenew illi meta Qorti tigi biex tillikwida l-ammont ta' kumpens dovut lill-persuna li rrendiet is-servigi, hi ghandha zzomm f'mohha:

- Il-**frekwenza** u x-**xorta** tas-servigi;
- Il-**mezzi** tal-konvenuta li benefikat mill-prestazzjonijiet; u
- Il-**parentela** tal-attur mal-konvenut.

[1] Ara PA **Catania v. Agius**, 11/12/2003; Q. App. **Delicata v. Saliba**, 22/5/1989

24. Konsiderazzjonijiet oħra li ġieli ġew konsidrati mill-Qrati tagħna huma jekk il-qaddej ikiddx l-istess saħħtu biex jaqdi lil ħaddieħor, jekk humiex affarijiet li mhux kulħadd kapaċi jidħol għalihom, u jekk il-qaddej jinkorrix spejjeż li tagħhom ma jkunx ġie rimborsat fil-mument tal-ħruġ tagħhom.

25. Fil-fehma ta' din il-Qorti, tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, l-ammont ta' *circa* tnax-il Euro u tnejn u tmenin euro ċentemżi (€12.82) fil-ġimgħa li wasslet għalieh l-ewwel Onorabbli Qorti huwa kemmxejn baxx fiċ-ċirkostanzi meta wieħed jikkunsidra li:

- L-appellanti kienet tmur kuljum għand l-appellata inkluż nhar ta' Ħadd għall-ħin ta' bejn siegħa u sagħtejn kuljum;

- L-appellanti kienet taqdi lill-appellata f'dak li kellha bżonn – kienet teħodha l-Bank darba kull xahar jew xahrejn fix-Xagħra bil-karozza tagħha u l-appellata qatt ma ġiet ikkumpensata għall-petrol li kienet tuża, ħaditha biex tixtri l-*appliances* f'żewġ okkażjonijiet, ħadet ħsieb l-istallazzjoni tal-*alarm* tad-dar tal-appellata, kienet teħodhilha ħsieb diversi appuntamenti, kienet tixtrilha l-mediċini darba jew darbtejn fix-xahar, kienet taqlagħlha l-ħwejjeġ darba kull sitt xhur, kienet teħodilha l-ikel darba kultant, kienet toħorġilha ż-żibel f'ċertu ġranet, ħaslitha meta l-appellata kienet inkontinenti, kienet tbiddlilha l-gass, tiknisilha xi kultant u taqtagħlha l-pal tal-bajtar minn ġol-passaġġ fil-mandra u tagħżaq il-mandra wara li l-appellata kienet titlobha tagħmel hekk;

- Meta kellha bżonnha torqod magħha l-appellanti raqdet mal-appellata u dan ġara xi darbtejn f'*circa* erba' snin u nofs;

- Meta l-appellata waqghet f'tliet okkazzjonijiet l-appellanti marret terfaghha;

- L-appellanti accettat li l-appellata taghti n-numru taghha mat-*telecare*, kienet tixtrilha l-halib u tippetnalha xagharha darbtejn fil-gimgha, kienet tmur tahsel il-qabar tar-ragel tal-appellata u tpoggi l-fjuri fuqu kull Novembru, irrendiet servigi lill-appellata meta kellha l-familja taghha u t-tfal ta' uliedha x'tiehu hsieb, meta kienet tkun bis-*sick leave* jew bil-*leave* il-*helper* tal-appellata, l-appellanti kienet tiehu hi hsieb l-konvenuta appellata.

- Minkejja l-fatt illi l-appellata ma jidhirx li qatt kienet *bed ridden*, hi ma setghetx tohrog mid-dar minghajr l-assistenza ta' xi hadd u l-appellata kienet konsegwentement tiddependi fuq l-appellanti ghal diversi affarijiet eskluzi dawk li kienet tghinha fihom l-*helper* u dawk l-affarijiet li setghet taghmel hi stess;

- Mill-provi prodotti ma jirrizultax illi l-appellata qatt hallset lill-appellanti ghas-servigi li rrenditilha jew ta' certu spejjez li nefqet meta rrenditilha dawn is-servigi;

- Il-appellata kienet ser thallilha nofs id-dar taghha, il-qabar li ghandha c-cimiterju z-Zebbug u tliet bicciet raba u ghalkemm din il-Qorti m'ghandhiex indikazzjoni cara tal-istat ekonomiku tal-appellata, mill-assjem tal-provi ma jidhirx li hija persuna nieqsa u anzi jidher li hija persuna li taf tibza' ghal gidha;

- Minkejja illi l-appellanti tigi mill-appellata, tigi minnha mill-boghod u dan ghaliex l-appellata tigi l-mara taz-ziju matern tal-attrici appellanti u

konsegwentement l-appellanti ma kellha l-ebda obbligu li tiehu hsieb l-appellata.

26. Ghar-ragunijiet imsemmija din il-Qorti hi tal-fehma illi minkejja illi s-servigi rezi mill-appellanti ma kienux jirrikjedu livell kbir ta' impenn u dedikazzjoni da parti taghha, li kien ikun il-kaz kieku l-attrici appellanti kienet tghix mal-appellata, jew kieku l-appellata kienet *bed ridden* u l-appellanti kellha taghtiha l-kura necessarja, jew kieku l-attrici appellanti kellha tahsel u tnaddaf lill-appellata, fil-fehma ta' din il-Qorti mill-provi prodotti jidher car illi s-servigi rezi kienu ta' certu importanza ghall-appellata u li l-appellanti dejjem kienet hemm ghall-appellata u qdietha f'dak kollu li kellha bzonn u f'dak kollu li staqsietha. Is-servigi rezi kienu wkoll ta' certu konsistenza u kienu jirrikjedu certu livell ta' impenn u dedikazzjoni da naha tal-attrici appellanti, jekk ghal xejn iktar ghax kienet lesta biex taqdi lill-konvenuta appellata f'dak kollu li kellha bzonn u ghalhekk kienet lesta biex tissagrifika certu hin mill-hajja taghha ghall-konvenuta appellata.

27. Fid-dawl ta' dan kollu kif ukoll fid-dawl tal-insenjament tal-Qrati li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jikkonfinaw il-kumpens fil-limiti tal-moderazzjoni, din il-Qorti hija tal-fehma li jkun xieraq illi l-ammont ta' kumpens li ghandu jithallas lill-appellanti mill-appellata jkun dak ta' ghoxrin euro (€20) fil-gimgha li ghal mitejn u erbgha u tletin (234) gimgha jwasslu ghal ammont ta' erbat elef sitt mija u tmenin Ewro (€4,680).

28. Ghaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellanti qed jigi milqugh u l-ammont likwidat ghas-servigi rezi ser jigi awmentat kif inghad.

*It-Tieni Aggravju dwar l-ispejjez tal-kawza*

29. Permezz tat-tieni aggravju taghha, l-appellanti ssostni l-ispejjez tal-proceduri kellha tbatihom kollha l-appellata u dan minhabba r-ragunijiet li gejjin:

- L-appellanti kienet ippretendiet is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf Euro (€23,000) in vista tal-valur tal-proprjeta` li l-appellata kienet wieghditha li ser tiret;

- Mid-decizjoni tal-ewwel Qorti jirrizulta li l-unika somma li qatt offriet il-konvenuta appellata kienet dik ta' elf Euro (€1,000) u xejn aktar u l-appellata ghalhekk qatt ma ressqet xi kontro-proposta li mill-anqas ippruvat tersaq ftit aktar lejn dak li verament kien haqqha l-appellanti;

- Ghalkemm l-ammont likwidat qed jigi kontestat f'dan l-appell, l-ewwel Qorti llikwidat somma tliet darbiet aktar minn dik offerta mill-appellata;

- L-appellanti tilmenta wkoll mill-fatt illi l-ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet illi l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati inkwantu ghal tliet kwarti mill-appellata u kwart mill-appellanti.

30. Min-naha taghha l-appellata tissottometti illi kienet gusta l-ewwel Qorti meta kkundannat lill-appellanti ghal parti mill-ispejjez tal-kawza peress illi l-insistenza tal-appellanti li tithallas minghandha s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf Euro (€23,000) hija pretensjoni mhux biss gratwita u mhux misthoqqa izda l-provi juru li hija talba ezorbitanti ghall-ahhar, u li tizboq bil-bosta l-kumpens realment dovut ghall-ftit prestazzjonijiet li gew rezi. L-appellata zzid li kien wisq palesi mill-provi li l-ammont li l-appellanti kienet qed tippretendi f'kumpens u li baqghet tinsisti dwaru sal-ahhar ma kienx wiehed reali u proporzjonat ghall-prestazzjonijiet li gew effettivament rezi.

31. L-ewwel Qorti kienet tenuta tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez skont l-Artikolu 223 (1) tal-Kap. 12 illi jghid li l-Qorti ghandha tikkundanna l-parti telliefa biex thallas l-ispejjez tal-kawza filwaqt li s-subinciz (3) jghid li l-Qorti tista' tikkundanna lil kull parti thallas l-ispejjez taghha "*meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra nghatat fuq punt legali izda biss jekk jindahlu xi punti specjali ta' ligi*."

32. Il-principju regolatorju f'materja ta' spejjez huwa ghalhekk li l-ispejjez jigu spartiti skont ir-rebh u t-telf tal-partijiet. Fil-kaz tal-lum is-sehem mill-ispejjez li gie akkollat lill-appellanti hu fil-fatt inqas minn dak li kien jispetta lill-appellanti skont il-principju msemmi u ghalhekk l-appellanti ma ghandhiex minn xiex tilmenta f'dan ir-rigward. Inoltre, issa li l-ammont ta' kumpens

likwidat favur l-appellanti ser jigi awmentat u ser ikun tali li l-ispartizzjoni tal-ispejjez maghmul mill-ewwel Qorti ser ikun jikkoincidi ma' dak li jirrispekja aktar fedelment ir-rebh u t-telf tal-partijiet skont is-sentenza ta' din il-Qorti ma hemmx lok li jigi disturbat il-kap tal-ispejjez kif stabbilit mill-ewwel Qorti ghall-proceduri fl-ewwel istanza.

**<u>Decide</u>**

33. Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-appell tar-rikorrenti biss limitatament billi tikkundanna lill-intimata appellata thallas lir-rikorrenti appellanti s-somma ta' erbat elef sitt mija u tmenin Euro (€4,680) bhala kumpens minflok is-somma ordnata mill-ewwel Qorti u tikkonfermha fil-bqija.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi filwaqt dawk ta' din l-istanza jithallsu kwantu ghal zewg terzi mir-rikorrenti appellanti u terz mill-intimata appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------